MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1048/2005

**Mary Fox (ID: 475842M)**

**Vs**

**Sabrina Seguna**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm961) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCE 484 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' disa' mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm961), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------